# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2001**

**Numru 35**

**Citaz. Nru. 95/01GV**

Doc 30-01

**Licari Estates Limited**

**vs**

**Kishinchand Mohnani**

**Il-Qorti,**

Il-konvenuti talbu r-rikuza ta' l-Imhallef sedenti ta' din il-Qorti a bazi ta' l-artikolu 734 (1)(d)(ii) tal-Kap. 12;

L-Art. 734 tal-Kap. 12 (I) jipprovvdi li l-imhallef jista' jigi rikuzat jew jista' jastjeni ruhhu milli joqghod f'kawza -

ii. jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru;

izda dan ma jghoddx ghal decizjoni moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observantia*.

Dwar (ii) u proviso:

*Gie dejjem ritenut illi l-kazijiet li fihom Imhallef jista jastjeni jew jigi rikuzat huma dawk biss tassativament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Gie wkoll dejjem ritenut*

*illi l-kliem "il-kawza" fid-disposizzjoni dawn fuq citata, jirriferixxu ghall-istess kawza li fiha tkun inghatat id-decizjoni precedenti (App Gauci vs Gatt et 6/11/67).*

Fil-kaz in ezami l-Qorti kif preseduta kienet iddecidiet kawza ohra fejn il-kontendenti wkoll kienu involuti li biha din il-Qorti kienet iddikjarat nulla lokazzjoni li kienet saret tal-post 30 Republic Street, Valletta, minghajr il-kunsens tal-kopropretarji l-ohra.

Fil-kawza prezenti, hemm ukoll dawn il-kontendenti, imma hija strasxiku ta' kawza ohra deciza mill-Onor. Imhallef G. Caruana Demajo fejn ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-post 30, Republic Street, Valletta. Iz-zewg sentenzi ghaddew in gudikat, Sehh il-bejgh b'licitazzjoni u l-imsemmi fond gie liberat favur is-socjeta' attrici. F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu r-ripresa tal-fond imsemmi in segwitu ta' dana l-bejgh b'licitazzjoni.

Fil-kaz in ezami din il-Qorti qatt ma ppronunzjat ruhha la direttament u lanqas indirettament dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza. M'hemm ebda kwistjoni identika bejn il-kawza li kienet qatghet din il-Qorti u l-kawza li ppropenew l-atturi llum in segwitu ta' kawza ohra m'hiex deciza minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**